KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħa u Għoxrin (24)***

***Il-Ħamis, 8 ta' Jannar, 2026***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 24 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI (b'mod virtwali) |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR
ADMINISTRATION OFFICER II – DONNA MALLIA

**PUBBLIKU:**

Ħadd

## MINUTI

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**24.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

24.1.1 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Christine Dalli tattendi b'mod virtwali minħabba raġunijiet personali. Tressqu żewġ ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Steven Axisa li informa li ma jistax jattendi minħabba impenji oħra filwaqt li l-Kunsilliera Naomi Mizzi ma tistax tattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**24.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 23 li nżammet nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2025.

24.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 23 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

24.2.3 **Mozzjoni Numru 24-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 23

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

Il-Minuti Numru 23 ġew approvati unanimament.

**24.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 24(09) – Jannar 2026***

24.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 24(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12283 sa 12327 kif ukoll cheque bin-numri 7278 sa 7281 li jammontaw €41,964.03

24.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

24.3.3 Tressqet ukoll invoice tal-camera li twaħħlet faċċata tal-Knisja ta' Santu Kristu li tammonta għall-€457.84.

24.3.4 **Mozzjoni 24-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 24(09) kif ukoll il-pagament imniżżel f'materja numru 24.3.3

Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

L-iskeda ta' pagamenti numru 24(09) ġiet approvata unanimament.

## 24.4 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

24.4.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li s-Segretarju Eżekuttiv Fiona Cutajar hija persuna ta' integrita' u responsabbilita' kbira fix-xogħol tagħha u dejjem tat servizz eċċellenti u gwida tajba hafna lill-membri kollha tal-Kunsill u l-istaff tagħha.

24.4.2 Għaldaqstant is-Sindku Karl Boxall ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata il-massimu li jammonta għal 10% bħala Performance Bonus għas-sena 2025. Il-Kunsill approva unanimament. **Mozzjoni 24-03:** Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Is-Sindku Karl Boxall
Il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv ġie approvat unanimament.

## 24.5 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill

24.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisals tat-tliet impjegati tal-Kunsill.

24.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-istaff tal-Kunsill għal sena oħra reġgħu laħqu l-aspettativi fil-xogħol amministrattiv tagħhom u għaldaqstant qed tipproponi li jingħataw il-massimu tal-Performance Bonus kif ingħataw fis-snin preċedenti.

24.5.3 Għaldaqstant is-Sindku Karl Boxall propona li l-istaff tal-Kunsill jingħataw 10% bħala performance bonus għas-sena 2025 rispettivament. Din il-proposta ġiet approvata unanimament. **Mozzjoni 24-04**: Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard
Il-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill ġie approvat unanimament.

## 24.6 Andament u Tmexxija tal-Laqgħa tal-Kunsill

24.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq l-Agenda tal-Kunsill din il-materja fejn infurmat li kien qed jiġi nnutat li l-andament u t-tmexxija tal-Laqgħa tal-Kunsill ma kinitx qed issir skond kif titlob il-liġi.

24.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li dawn il-Laqgħat jibdew isiru b'mod iktar ko-ordinat fejn fakkret li t-tmexxija tal-Laqgħa se tkun kollha f'idejn is-Sindku hekk kif inhu mitlub fil-liġi. L-Agenda, bħal ma dejjem sar, tiġi ppreparata mis-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-Sindku u kull membru tal-Kunsill għandu jibda' jressaq lis-Segretarju Eżekuttiv il-materji li jkun irid iressaq li jeħtieġu diskussjoni. Dawn il-materji jitniżżlu fl-Agenda sabiex jiġu diskussi. Diskussjonijiet kif ukoll mozzjonijiet

għandhom jaslu għand is-Segretarju Eżekuttiv sa 6 ijiem qabel il-Laqgħa tal-Kunsill sabiex l-Agenda tkun tista' tintbagħat sa 5 ijiem qabel.

24.6.3 Waqt il-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera m'għandhomx isiru diskussjonijiet iżda jitressqu l-Mistoqsijiet lis-Sindku jew lis-Segretarju Eżekuttiv. F'każ li l-mistoqsijiet jeħtieġu risposti ta' riċerka ikun issuġerit li l-mistoqsija tintbagħat sa 6 ijiem qabel.

24.6.4 Se tkun qed tibda' tiġi inkluża materja wara l-approvazzjoni tal-Minuti fejn il-Kunsill jiġi nfurmat b'dak kollu li sar mid-deċiżjonijiet li ttieħdu fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Din il-bidla qed tkun meħtieġa li ssir sabiex il-Laqgħat tal-Kunsill jinżammu b'mod professjonali meta jintwerew live u jiġu rrekordjati.

24.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li se tkun qed tibgħat filmati preparati minn ANSEK li jagħtu gwida ċara ta' dak li tgħid il-liġi dwar kif għandha issir il-laqgħa tal-Kunsill.

## 24.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

24.7.1 Is-Sindku Karl Boxall ressaq proposta għall-kiri ta' garaxx ġdid fi Triq Mikielanġ Zammit bħala ħlas ta' € 800 fis-sena , fejn qal li dan jista' jibda' jintuża biex fih inpoġġu xi affarijiet tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li jekk hemm użu tiegħu jinkera. Il-Kunsill qabel li jinkera.

24.7.2 Is-Sindku Karl Boxall qal ukoll li l-kirja tal-garaxx tal-Bypass wasslet biex tiskadi u s-sid qed jitlob li bħala kirja tiżdied b'€10 fix-xahar, dan sabiex jitpoġġa l-van il-ġdid tal-Kunsill. Il-Kunsillier Attard issuġġerixxa li naraw jekk hemmx garaxx ieħor vojt fejn hemm il-garage ta' Triq il-Gistakor. Is-Sindku qal li ser jistaqsi lis-sid. F'każ li jkun hemm garage simili tiegħu bl-istess prezz, il-garage tal-Bypass ma jinkerix. Il-Kunsill qabel.

24.7.3 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li skond kif kien maqbul f'laqgħat preċedenti, twaħħlu l-cameras faċċata tal-Knisja ta' Santu Kristu, kif ukoll fl-entratura komuni tal-lattrini pubbliċi. Is-Sindku nforma li s-Sibt li għadda twaħħlet CCTV fi Trejqet Santu Kristu u dakinhar stess inqabad xi ħadd jarmi ż-żibel fejn weħel multa. Informa wkoll li minn nhar it-Tnejn sal-Ġimgħa ser ikun hemm it-tabelli tan-no parking f'dik iż-żona n-naħa tal-għelieqi u naħa l-oħra ħa jsiru parking bays b'passaġġ. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li l-aħjar ssir bl-approvazzjoni tat-Transport Malta li ħa ssir din il-bidla, l-ewwel għandha tintbagħat il-proposta u wara tiġi approvata li ssir. Is-Sindku nforma wkoll li twaħħlu CCTV ta' fejn il-Mini-Pitch u fil-ġranet li ġejjin ser teħel is-sistema fil-letrini ta' Santu Rokku hekk kif kien maqbul mill-Kunsill sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-abbużi.

24.7.4 Is-Sindku Karl Boxall ikkonferma mal-Kunsill il-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq tal-Ġnien ta' Triq l-Andar fejn qed jiġu proposti l-ħinijiet t'hawn isfel minħabba l-kaċċa:

Mill-1 ta' Frar sal-31 t'Awwissu: mid-6am sat-8pm

Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Jannar: mid-9am sas-6pm

Il-Kunsill qabel ma' dawn il-ħinijiet. Is-Sindku Karl Boxall staqsa ukoll dwar ideat li l-Kunsill għandu għall-ismijiet li jista' jingħata dan il-Ġnien, fejn qal li l-aħjar li jsir ftit ħsieb fir-rigward tal-isem u jintbagħatu l-proposti aktar il-quddiem. Il-Kunsill qabel.

24.7.5 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar hemm il-Laqgħa tar-Reġjun li hu ma jistax jattendi u talab min jista' jattendi minfloku, dakinhar ħadd mill-kunsilliera ma jista' jattendi fejn ser jiġi nfurmat ir-Reġjun sabiex niġu skużati.

24.7.6 Is-Sindku Karl Boxall informa li l-pjan hu li l-kunċert jsir jew il-Ġimgħa nkella s-Sibt skond meta tkun tista' l-band. Is-Sindku qal li l-programm Bonġu Malta xieraq li jsir f'Jum Ħal Għaxaq, il-Ħadd, fejn il-Ġimgħa jsir il-kunċert u s-Sibt isir iċ-ċerimonja flimkien mar-riċeviment.

*F'dan l-istadju, is-Sindku Karl Boxall talab li l-laqgħa tiġi sospiża (18:55)*

*Il-Laqgħa tkompliet fis-19:30*

24.7.7 Is-Sindku qal li jixtieq isir Jum ir-Raħal il-Ħadd minħabba n-nies. Il-Kunsillier Dalli staqsiet jekk tistax ssir sezzjoni Aqra Miegħi fi Ġnien ta' Triq il-Bwar fin-nofstanhar ta' filgħodu u Sports Day s-Sibt. Is-Sindku qal li l-aħjar f'dan l-istadju tinsab il-band, fejn huwa qal li avviċina lil Claudia Faniello imma ma ngħatax risposta, u informa li għandu l-kwotazzjoni ta' Ira Losco li tammonta għal € 10,000.

24.7.8 Il-Kunsillier Attard qal li bil-kunċerti n-nies jinsabu mxebba għax ġo Ħal Għaxaq isiru ammont konsiderevoli matul is-sena. Il-Viċi Sindku qal jekk tistax titella' l-attivita' Cheese and Wine u jkun hemm kantanti sabiex jannimaw is-serata u bħala spiża taf ma titlax daqshekk. Is-Sur Brian Xuereb qal li nistaqsu persuna li torganizza small events sabiex naraw jekk nixtawx norganizzaw xi ħaġa fuq din l-iskala.

24.7.9 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li peress li hu għandu esperjenza f'dan ir-rigward sabiex jiġu organizzati dawn it-tip ta' events, peress li b'artist wieħed l-ispiża ser tkun għolja, minflok jistgħu jsiru stands tal-ikel, xorb u jkun hemm serata ta' divertiment. Is-Sindku nforma li biex tiġi organizzata din it-tip t'attivita' jirrijkedi ħafna xogħol. Is-Sur Attard qal li kapaċi li jekk ħa jieħu ħsieb dan ħa jieħu ħsieb kollox hu.

24.7.10 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li jieħu ħsieb il-Kunsillier Stephen Attard sabiex titella' attivita' bħal ta' Cheese & Wine, fejn ħa javviċina xi nies li jagħmlu dawn it-tip ta' stands varjati. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li dan għandu jibqa' bl-isem 'Għaxaq Fest'. Is-Sur Attard qal li bħala spiża ma titlax € 10,000 għal grupp wieħed biss.

24.7.11 Is-Sindku Karl Boxall qal li l-aħjar jibqa' jiġi nfurmat b'kull arranġament. Il-Kunsillier Attard qal li dawn l-istalls tal-ikel u x-xorb jkunu b'xejn u forsi jingħata xi ħlas lil xi kantanti. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li jistgħu jinġiebu għannejja għat-tradizzjoni. Is-Sindku qal li għall-għannejja jkollna xi fondi. Is-Sur Attard qal li jġibu grupp taż-żfin. Il-Kunsill qabel li Jum Ħal Għaxaq ser jitħalla f'idejn l-Kunsillier Stephen Attard b'kordinament mas-Sindku.

24.7.12 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li irċevejna invit mingħand il-Kappillan għall-Quddiesa u Riċeviment nhar it-Tlieta fis-6:30pm. Il-Kunsillier Jesmond Manicolo qal li jista' jattendi.

24.7.13 Is-Sindku Karl Boxall informa li l-Enemalta għaddejja bil-bdil ta' bozoz mal-lokal li dawn ser jitlestew lejn l-aħħar t'April, 2026. Is-Sindku nforma li l-aħjar titella' post fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill b'din l-informazzjoni.

24.7.13 Is-Sindku nforma dwar il-ħaddiema tar-Reġjun fejn talab sabiex jiġu suġġeriet ta' xogħol jista' jitwettaq min-naħa tagħhom. Informa wkoll li l-ħaddiema tal-Public Works ser iwettqu xogħol fl-istage ta' Bir id-Deheb, flooring tal-pitch u xkatlar tal-bibien tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li hemm bżonn jiġu rranġati t-tabelli għax qegħdin imdawrin.

24.7.14 Is-Sindku nfurmah li dawn jistgħu jiġu rranġati mill-ħaddiema tagħna. Is-Sur Attard qal li l-aħjar li jsir ko-ordinament mal-ħaddiema tagħna u mal-Contracts Manager fir-rigward, is-Sindku qal li ser jinfurma lill-Contracts Manager. Is-Sur Karl Boxall qal li l-aħjar naraw x'jista' jsir xogħol mill-ħaddiema tar-Reġjun.

24.7.15 Is-Sindku nforma li fid-19 ta' Jannar, 2026 fl-10am ser ssir laqgħa ta' mal-Iskola Primarja rigward il-Karnival tat-Tfal tal-Ġimgħa, is-Sindku ser jistaqsi jekk din il-laqgħa tistax ssir fid-9am. Kunsill qabel.

24.7.16 Is-Sindku nforma dwar kwistjoni ta' parkeġġ li hemm fi Triq il-Wilġa, fejn qed jitlob l-assistenza tal-Viċi Sindku Brian Xuereb sabiex naraw x'hemm li hu kif suppost kemm bħala parkeġġ kif ukoll bħala sinjali.

24.7.17 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li qabel din kienet One-Way, fejn is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kien hemm ħafna lmenti u b'hekk kellha titneħħa minn One-Way. Is-Sindku Karl Boxall qal li qed ikun hemm ġlied anke bejn ir-residenti fejn nforma wkoll li ser jieħdu ħsieb kemm il-Viċi Sindku Brian Xuereb kif ukoll il-Kunsillier Stephen Attard minħabba l-problema ta' parkeġġ. Is-Sindku qal ukoll li f'dik it-triq hemm bżonn li tiġi nstallata bozza ġdida, fejn ser imur jiċċekkja fir-rigward. Il-Kunsill qabel.

**24.8 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

24.8.1 Il-Kunsillier Attard staqsa dwar il-proċess tal-vending machine, fejn is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew sabiex jiġi nstallat id-dawl mill-ħaddiema tagħna.

*F'dan l-istadju is-Sindku reġa' talab li l-Laqgħa tiġi sospiża (19:45)*
*Il-Laqgħa tkompliet fit-20:00*

24.8.2 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb nforma li fir-rigward tal-poles tal-Bypass ser jitwaħħlu minn IM. Informa wkoll dwar talba li saret mingħand petshop fil-Bypass dwar xi bollards fejn dawn ġew approvati li jsiru minn IM.

24.8.3 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb staqsa rigward il-One-Way ta' Triq il-Gudja u Triq San Filippu għax qed tieħu wisq fit-tul la hemm l-approvazzjoni tat-Transport Malta. Is-Sur Xuereb nforma li ġie mistoqsi minn Transport Malta jekk din hux ser tiġi implimentata. Is-Sindku nforma li kien hemm min mill-Kunsill li kienu għadhom xettiċi

dwarha. Is-Segretarju Eżekuttiv ikjarifikat li din tressqet biex il-Kunsill jiddeċiedi meta ser tiġi implimentata.

24.8.4 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li ma jistax ikun li din il-materja terġa' tiġi diskussa u la darba hemm l-approvazzjoni tagħha ma tistax terġa' tinbidel jew tibqa' kif inhi imma trid tiġi implimentata hekk kif ġiet approvata minn Transport Malta għax hemm staġnar sħiħ bħalissa u fi Triq San Filippu hekk kif isir One-Way jaf jiżdied il-parkeġġ. Sar qbil unanimu li din għanda tkun materja fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss u jittieħed vot dwarha.

## 24.9 <u>Korrispondenza</u>

24.9.1 Tressqet korrispondenza dwar it-tiġdid tal-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-AKL, il-Kunsill qabel li din għandna tiġi mġedda.

24.9.2 Tressqet korrispondenza dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* fejn ser isir koordinament mal-Kunsillier Christine Dalli minħabba l-possibbilta' ta' xi korsijiet. Il-Kunsill qabel li jekk hu possibbli li jsiru ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill jekk tkun problema ta' aċċessibilta' nistaqsu lill-Kappillan.

24.9.3 Il-Kunsillier Stephen Attard nforma li ġie avviċinat għall-ġemellaġġ ma' lokal ġewwa Ċipru fejn il-komunikat ser jintbagħat b'e-mail mingħand villaġġ żgħir bl-isem Agros. Informa wkoll li għal dan il-ġemellaġġ jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom il-kumpanija ROCS. Il-Kunsillier Attard qal li jkun allokat budget mill-finanzi tal-Kunsill dwar ġemellaġġi. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jrid jiġi allokat dan l-ammont li bħalissa ma kienx maħsub u se jkun qed jiġi maħsub fil-budget ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jsiru id-diskussjonijiet u jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kunsill.

## 24.10 <u>Karnival 2026</u>

24.10.1 Is-Sindku Karl Boxall appella li għal ġranet tal-Karnival ta' din is-sena għandu bżonn l-għajnuna ta' kulħadd u ma jistax ikun itella' attivita' ta' erbat ijiem waħdu.

24.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat bil-Programm ta' kif dawn il-ġranet ser jiġu mqassma. Il-Ġimgħa, 13 ta' Frar – Karnival Tfal fuq Santu Rokku u tfal żgħar fil-Pjazza bl-entertainment ta' Cheeramigos. Is-Sindku nforma li għal din is-sena ser jiżdied ukoll xi entertainment ta' siegħa fuq Santu Rokku. Is-Sindku qal li ser javviċina lil Daniel u Raggio għal kwotazzjoni. Il-Ħadd, 15 ta' Frar – is-Sindku nforma li għandna kwotazzjoni mill-grupp Kantera fejn qabel ikun hemm xi gruppi ta' żfin. Il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni. It-Tnejn, 16 ta' Frar – Karnival Spontanju bis-sehem ta' DJ Charles Field. It-Tlieta, 17 ta' Frar – Sehem Guggen Band u tqassim ta' Trophies wara.

24.10.3 Is-Sindku nforma li għal dakinhar l-aħjar li jkun hemm ġurija esperta. Il-Kunsill qabel.

24.10.4 Is-Sndku Karl Boxall nforma li l-Każini jingħataw € 1,200 kull wieħed, fejn il-Każin ta' Santa Marija kien jingħata € 300 parti minn is-somma li kienet tmur għal palk u floodlights, peress li din is-sena għandna palk tagħna il-Viċi Sindku Brian Xuereb issuġġerixxa li minflok għandhom jeħlu arbli u fustun fi Vjal il-Labour, il-Kunsill qabel li għanda titressaq din il-proposta.

24.10.5 Is-Sindku Karl Boxall qal li għandu bżonn ikun jaf min ser jagħti l-għajnuna tiegħu. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li kulħadd lesti li jagħti sehem tiegħu. Is-Sindku Karl Boxall qal li min ser jattendi għal laqgħa tal-Iskola miegħu ser jieħu ħsieb il-Karnival tat-Tfal. Il-Kunsill qabel.

## 24.11 <u>Mozzjonijiet</u>

24.11.1 Annessi mal-Minuti

## 24.12 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>

24.12.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa, 11 ta' Frar 2026 fil-5:30p.m.

Il-Minuti ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza tas-Sinjura Donna Mallia.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref:** 24-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 23

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard** | **Jesmond Manicolo** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 8 ta' Jannar 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref:** 24-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 24

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb** | **Stephen Attard** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 8 ta' Jannar 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref:** 24-03

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv 2025

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb** | **Karl Boxall** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 8 ta' Jannar 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 24**

**Mozzjoni Ref:** 24-04

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat il-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2025

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb** | **Stephen Attard** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 8 ta' Jannar 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**